KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**1/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li giet imsejha ghal nhar il-Hamis 28 ta' April, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa – Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Attendiet ukoll :** Ms Romina Perici Ferrante fuq talba tal-Kunsill

**Agenda:**

1. Talba

2. Konsiderazjoni u approvazjoni tal-Financial statements dwar il-Kunsill Lokali Santa Venera fil-31 ta Dicembru 2010

3. Rapport Amministrattiv ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru, 2010

4. Laqgha Pubblika

**Talba u bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fil-5.30pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri u ohrajn prezenti.

**Rapport Amministrattiv ghas-sena li ghalqet fil-31 ta Dicembru, 2010**

Is-Sindku talab lill-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jaqra dan ir-rapport.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport u wara dan ir-rapport gie approvat (minghajr kumment) minn kulhadd.

Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport amministrattiv jigi ukoll ipprezentat fil-laqgha pubblika.

**Laqgha pubblika skond artikolu 70, Taqsima VII – Mixxelanju tal-att dwar il Kunsilli Lokali**

Il-Kunsill qabel li l-laqgha pubblika ghas-sena 2011 issir nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju, 2011 u tibda fis-7.00pm.

Il-Kunsill qabel ukoll illi sabiex ikun hemm accessibilita mixtieqa ghal kulhadd din il-laqgha pubblika issir fid-Day Centre, Triq il-Karmelitani, Santa Venera.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jsir l-avviz mehtieg fil-gazzetti kollha ta kuljum u mxandar darba fuq ir-radjijiet kollha nazzjonali.

L-agenda ghandha tinkludi rapport amministrattiv fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2010 u pjan ta attivita ghas-sena 2011.

**Financial Statements ghas-sena li ghalqet fil-31 ta Dicembru 2010**

Dawn gew prezentati ghal-konsiderazjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku staqsa fejn kien hemm l-aktar nefqa.

L-accountant spjegat li kien hemm diversi spejjez izda l-aktar wahda li kellha impatt fuq il-finanzi tal-Kunsill kienet dik dwar iz-zjara tal-Papa u din kienet nefqa ghal darba biss.

Il-financial performance indicators minn pozizjoni negattiva waslet ghal livell ta ftit aktar minn 7% izda l-ammont mehtieg huwa ta 10%. Fil-31.12.2010 l-available funds tal-Kunsill kienu €25619 izda din hija sitwazjoni fluwida u tinbidel skond l-operat tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva dawn il-financial statements ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2010 u qabel li dawn jigu iffirmati mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv kif mehtieg.

**PPP dwar 5 toroq f'Santa Venera**

Waqt id-diskusjoni qam il-punt dwar fejn jinsab dan il-progett. Is-Sindku spjega li dan il-progett iffacja l-problema li Water Services Corporation (WSC) riedet taghmel xoghlijiet tal-mains liema spiza tlahhaq €75,000 u din ma kienetx prevista u maghrufa lill-Kunsill meta dan dahal ghal progett ta fejda b'risq ir-residenti ta Santa Venera.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu ghaddej bin-negozjati kemm mal-WSC u d-dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jehles minn din il-probelema u b'hekk ikun jista jipprocedi kif mixtieq fl-ahjar interess tal-Kunsill u r-residenti ta' Santa Venera.

**Osservazjoni dwar ir-rekordjar tal-laqgha**

Meta waqt il-laqgha kienet diga ddiskutiet diversi punti, l-Kunsillier Sur Stephen Sultana gibed l-attenzjoni li din il-laqgha ma kienetx qed tigi rekordjata.

Is-Sindku u l-Agent Segretarju wiegbu li dan kien sar bi svista peress li r-recorder kien hemm u jinsab fil-bini tal Kunsill.

**Gheluq tal-laqgha**

Peress li ma kienx hemm aktar diskusjoni s-Sindku ghalaq il-laqgha fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |